MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2014

Numru. 91/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Natasha Mary Farrugia**

**Illum, 13 ta' Gunju 2014**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Natasha Mary Farrugia ta' 32 sena bint Joseph u Angionlina k/a Julie nee` Briffa, imwielda l-Awstralja, nhar id-19 ta' Gunju 1979 u residenti 'Rainbow', 13, Flat 4, Triq Bubaqra, Zurrieq, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 0174793(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-17 ta' Frar 2012, kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data:

1) Traffikat, bieghet, qassmet jew offriet li tittraffika, tbiegh jew tqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

2) Kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

3) Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Talli saret recidiva b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D. nhar l-24 ta' Marzu 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31) u l-Ordni tal-istess Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lil din il-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta, sa dakinhar;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-14 ta' Frar 2014, l-imputata rregistrat ammissjoni dwar l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba u terga' lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputata u tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat illi mill-atti jirrizulta li dakinhar li hija giet arrestata mill-pulizija, l-imputata kienet tinsab fi triqtha lejn Ghawdex u nstabet fil-pussess ta' numru ta' pilloli *ecstasy* – skond ix-xhieda tal-Ispettur Sant u skond dak li tghid l-imputata fl-istqarrija taghha, 50 pillola, fil-waqt illi mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta illi n-numru ta' pilloli kien ta' 70 – u sussegwentement, fir-residenza taghha, instabet bicca raza tal-*cannabis*. Mill-istqarrja rilaxxjata mill-imputata fit-18 ta' Frar 2012[1], jirrizulta wkoll illi l-imputata qalet illi hija xtrat hamsin pillola *ecstasy* u kkonfermat illi dawn kienu ghal hbieb taghha li kienu telghin Ghawdex biex jiltaqghu maghha ghall-*weekend* tal-Karnival. Qalet ukoll illi kien hemm xi darbtejn ohra, apparti din l-okkazzjoni, li hija kienet xtrat il-pilloli *ecstasy* ghal shabha.

Il-Qorti qieset ukoll illi sa mill-bidunett ta' dawn il-proceduri (fis-seduti tad-19 ta' Frar 2012 u tal-5 ta' Marzu 2012 rispettivament), l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputata ghandha tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghall-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Artikolu 120A(2B) tal-istess Kapitolu. Fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2012, **l-Ispettur Nikolai Sant** xehed illi l-imputata kkoperat bis-shih waqt l-investigazzjoni, tant illi wasslet lill-pulizija ghal terza persuna li minghandu kienet tixtri d-droga, liema terza persuna, bis-sahha tal-informazzjoni miksuba mill-imputata u anke bl-ghajnuna li hija tat ghal fini ta' *controlled delivery*, giet imressqa l-Qorti sabiex twiegeb ghal akkuzi relatati ma' traffikar ta' droga. In oltre l-Ispettur Sant xehed ukoll illi apparti li l-imputata tat informazzjoni li wasslet lill-Pulizija ghal dan it-traffikant, hija semmiet ukoll persuni ohrajn li setghu kienu relatati u fil-fatt tressaq persuna ohra in konnessjoni ma' reati li jinvolvu d-droga, apparti li hemm investigazzjonijiet ghaddejjin anke fil-konfront ta' persuni ohrajn, liema investigazzjonijiet jistghu jwasslu ghal xi arresti ulterjuri. L-Ufficjal Prosekutur ghaldaqstant iddikjara illi l-imputata

[1] A fol. 26 u 27 tal-process.

ghandha tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 fil-massimu tieghu.[2] Fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2013, imbaghad, l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara wkoll illi l-imputata xehdet fi proceduri kontra terzi persuni. Ghalhekk huwa talab lill-Qorti sabiex tiehu dan in konsiderazzjoni, fil-waqt illi tapplika l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 fil-massimu tieghu u ssuggerixxa li l-imputata tinghata piena minima.[3] Fid-dawl tax-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u tad-dikjarazzjonijiet minnu maghmula, il-Qorti ser tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 billi tnaqqas il-piena, dwar prigunerija b'zewg gradi u dwar piena pekunjarja, b'nofs.

Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali tal-imputata fiz-zmien tar-reati in kwistjoni, liema fedina penali kienet tikkonsisti f'kundanna dwar reat kontravvenzjonali, reat ta' pussess semplici tad-droga *ecstasy* li sehh fis-sena 2001, dwar liema l-imputata inghatat liberazzjoni kondizzjonata ghal zmien sena u kundanna ohra dwar ksur tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest f'Marzu tas-sena 2008, dwar liema hija giet ikkundannata ghal piena ta' multa. Minkejja li l-Qorti ordnat lill-Ufficjal Prosekutur sabiex jesebixxi fedina penali aggornata tal-imputata, din baqghet ma gietx esebita.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi mis-sottomissjonijiet tal-partijiet, jidher illi l-imputata harget mill-vizzju tad-droga u li miexja fit-triq it-tajba.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi mir-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut[4], jirrizulta illi fl-estratti mehuda mill-pilloli li nstabu fil-pussess tal-imputata – b'kollox 70 pillola – instabet is-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*. In oltre, skond l-istess relazzjoni, fl-estratt mehud mis-sustanza ta' lewn kannella, li nstabet fil-kcina tar-residenza tal-imputata, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, liema sustanza tigi mill-pjanta tal-*Cannabis*. Il-piz tas-sustanza huwa ta' 0.87 grammi u l-purita` hija ta' cirka 6%.

[2] A fol. 20 sa 24 tal-process.
[3] A fol. 147 tal-process.
[4] A fol. 65 *et seq* tal-process.

Il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, fis-sens illi qeghda tqis ir-reat ta' pussess aggravat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-ewwel imputazzjoni. In oltre il-Qorti qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(f) u (h), l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputata **hatja** tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta rez applikabbli ghal kaz odjern permezz tal-Artikolu 120A(2B) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannaha ghal piena ta' **hames (5) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' disa' mija u hamsin Euro (€950)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100). L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hatja thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' tlett mija u erba' Euro u erbgha u sebghin centezmu (€304.74),

l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of Crime Officer* PS 239 Joseph Caruana, ammontanti ghas-somma ta' erbgha u erbghin Euro u tlieta u tletin centezmu (€44.33) u l-ispejjez tar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada ammontanti ghas-somma ta' tlett mija, tmienja u erbghin Euro u wiehed u tletin centezmu (€348.31). Dawn l-ispejjez **fit-total ta' sitt mija, sebgha u disghin Euro u tmienja u tletin centezmu (€697.38)** ghandhom jithallsu fi zmien sena mil-lum, b'dan illi jekk il-hatja tonqos li thallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilha preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti kollha relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti mar-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut (Dok. GS1), hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi zmien hamest ijiem mil-lum, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa necessarju illi din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohrajn kontra terzi, b'dan illi f'dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------